

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## L 127

### tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56

9 ta' Mejju 2013

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

## REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 421/2013 tas-7 ta' Mejju 2013 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orijini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Porc du Sud-Ouest (IĠP)]** ..... 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 422/2013 tas-7 ta' Mejju 2013 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orijini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Fin Gras/Fin Gras du Mézenc (DPO)]** ..... 3
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 423/2013 tas-7 ta' Mejju 2013 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orijini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Stornoway Black Pudding (IĠP)]** ..... 5
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 424/2013 tas-7 ta' Mejju 2013 li japprova emenda minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' isem mdaħħal fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orijini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Ptujski lük (IĠP)]** ..... 7
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 425/2013 tas-7 ta' Mejju 2013 li japprova emendi minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni elenkata fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orijini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Pesca di Leonforte (IĠP)]** ..... 12
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 426/2013 tat-8 ta' Mejju 2013 li jadatta r-Regolamenti (KE) Nru 1120/2009, (KE) Nru 1121/2009 u (KE) Nru 1122/2009 rigward l-implimentazzjoni ta' regoli għal skemi ta' pagamenti diretti fil-Kroazja** ..... 17

Prezz: EUR 4

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*
**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 427/2013 tat-8 ta' Mejju 2013 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tas-selenometjonina prodott minn *Saccharomyces cerevisiae* NCYC R646 bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kollha tal-animali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1750/2006, (KE) Nru 634/2007 u (KE) Nru 900/2009 fir-rigward tal-livelli massimi ta' supplimentazzjoni ma' ħmira selenizzata <sup>(1)</sup>** ..... 20
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 428/2013 tat-8 ta' Mejju 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1033/2006 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-ICAO imsemjija fl-Artikolu 3(1) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 929/2010 <sup>(1)</sup>** ..... 23
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 429/2013 tat-8 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 24

#### DEĊIŻJONIJIET

2013/216/PESK:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà BiH/20/2013 tal-24 ta' April 2013 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Element ta' Kmand tal-UE f'Napli għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bosnja-Herzegovina** ..... 26

---

#### Rettifika

- ★ **Rettifika għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 363/2013 tat-22 ta' April 2013 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri ristrettivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU L 111, 23.4.2013)** ..... 27
- ★ **Rettifika għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/185/PESK tat-22 ta' April 2013 li timplimenta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/739/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU L 111, 23.4.2013)** 44

---

Avviż lill-qarrejja — **Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*** (Ara paġna 3 tal-qoxra)



<sup>(1)</sup> Test b'relevanza għaż-ŻEE

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 421/2013

tas-7 ta' Mejju 2013

li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Porc du Sud-Ouest (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 daħal fis-seħħ fit-3 ta' Jannar 2013. Dan ħassar u ssostitwixxa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel <sup>(2)</sup>.

- (2) Skont tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, it-talba ta' Franza biex id-denominazzjoni "Porc du Sud-Ouest" tiddaħħal fir-reġistru ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea <sup>(3)</sup>.

- (3) Peress li ma ġiet innotifikata l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha għalhekk tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament hija b'dan irreġistrata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Mejju 2013.

Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,  
Dacian CIOLOȘ  
Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

<sup>(3)</sup> ĠU C 162, 08.06.2012, p. 20.

## ANNEX

Prodotti agricoli maħsuba għall-konsum uman elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

**Klassi 1.1. Laħam frisk (u l-ġewwieni)**

FRANZA

Porc du Sud-Ouest (IĠP)

---

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 422/2013

tas-7 ta' Mejju 2013

li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Fin Gras/Fin Gras du Mézenc (DPO)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 daħal fis-seħħ fit-3 ta' Jannar 2013. Dan ħassar u ssostitwixxa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għal prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel <sup>(2)</sup>.

- (2) Skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, l-applikazzjoni mressqa minn Franza għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Fin Gras"/"Fin Gras du Mézenc" ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea <sup>(3)</sup>.

- (3) Ladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda stqarrija ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament hija b'dan irreġistrata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Mejju 2013.

Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,  
Dacian CIOLOȘ  
Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

<sup>(3)</sup> ĠU C 180, 21.6.2012, p. 22.

## ANNEX

Prodotti agricoli maħsuba għall-konsum uman elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

**Klassi 1.1. Laħam frisk (u l-ġewwieni)**

FRANZA

Fin Gras/Fin Gras du Mézenc (DPO)

---

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 423/2013

tas-7 ta' Mejju 2013

li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orijini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Stornoway Black Pudding (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 daħal fis-seħħ fit-3 ta' Jannar 2013. Dan ħassar u ssostitwixxa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orijini għal prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel <sup>(2)</sup>.

- (2) Skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, l-applikazzjoni mressqa mir-Renju Unit għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Stornoway Black Pudding" ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea <sup>(3)</sup>.

- (3) Ladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda stqarrija ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament hija b'dan irreġistrata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Mejju 2013.

Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,  
Dacian CIOLOȘ  
Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

<sup>(3)</sup> ĠU C 169, 15.6.2012, p. 25.

## ANNEX

Prodotti agricoli maħsuba għall-konsum uman elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

**Klassi 1.2. Prodotti tal-laħam (imsajrin, immellħin, affumikati, eċċ.)**

IR-RENJU UNIT

Stornoway Black Pudding (IĠP)

---



## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 424/2013

tas-7 ta' Mejju 2013

li japprova emenda minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' isem mdaħħal fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Ptujski lük (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel <sup>(1)</sup>, u partikolarment it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni tas-Slovenja għall-approvazzjoni tal-emendi fl-ispeċifikazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta 'Ptujski lük', irreġistrata skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1362/2011 <sup>(2)</sup>
- (2) L-applikazzjoni tikkonċerna l-emenda għad-deskrizzjoni tal-prodott u għar-regoli speċifiċi dwar l-ippakkjar.

- (3) Il-Kummissjoni eżaminat l-emenda kkonċernata u kkonkludiet li hija ġġustifikata. Peress li skont l-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 din hija emenda minuri, il-Kummissjoni tista' tapprovaha mingħajr ma tirrikorri għall-proċedura stipulata fl-Artikoli 50 sal-52 ta'dak ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-ispeċifikazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta 'Ptujski lük' hija b'dan emendata skont l-Anness I għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Il-verżjoni kkonsolidata tad-dokument uniku li fih il-punti prinċipali tal-ispeċifikazzjoni hija stipulata fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Mejju 2013.

Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,

Dacian CIOLOŞ  
Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 341, 22.12.2011, p. 21.

## ANNEX I

L-emenda li ġejja għall-ispeċifikazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Ptujski lük" ġiet approvata:

— Is-sentenza li ġejja hija mħassra mid-deskrizzjoni tal-prodott: "Kull basla tiżen mill-inqas 70 g".

Fid-deskrizzjoni tal-prodott attwali hemm inkonsistenza apparenti, għax mhux possibbli għal basal li jissodisfaw iż-żewġ kriterji speċifikati, jgħid li jkollhom kull qtugħ ekwatorjali ta'mill-inqas 40 mm waqt li jkollhom piż minimu ta'mill-inqas 70 g.

— Il-kliem li ġejjin bejn il-parentesi huma mħassra mir-regoli speċifiċi dwar l-ippakkjar: "(mass. 2 kg)".

Il-piż tal-pakketti tal-prodott finali huwa adattat għad-domanda u għalhekk ma jagħmilx sens tpoġġi limitu fuq dan. Ir-rekwiżiti tal-konsumaturi u l-kummerċjanti wrew li pakketti ta'aktar minn 2 kg joffru valur aħjar għall-flus.

—

## ANNEX II

## DOKUMENT UNIKU

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orijini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel <sup>(1)</sup>

**'PTUJSKI LÜK'**

Nru tal-KE: SI-PGI-0105-01033 – 20.08.2008

**IĠP (X) DPO ( )****1. Isem**

'Ptujski lük'

**2. Stat membru jew pajjiż terz**

Is-Slovenja

**3. Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel****3.1. Tip ta' prodott**

Klassi 1.6 - Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati

**3.2. Deskrizzjoni tal-prodott li japplika għalih l-isem f'(1):**

'Ptujski lük' (*Allium cepa* L.) hija basla tal-varjetà Ptujaska rdeċa. Għandha l-għamla ta' qalb ċatta. Is-sezzjoni ekwatorjali tagħha għandha dijametru ta' mill-inqas 40mm. L-għonq tagħha dejjaq, irqiq u magħluq. It-tul ta' kull basla, imkejjel mill-bażi ċirkolari tal-basla sal-għonq magħluq għandu jkun 10-50% inqas mid-dijametru tal-iktar parti wiesgħa tagħha (id-dijametru ekwatorjali).

Il-qxur niexfa ta' barra għandhom kulur kannella ħamrani għal aħmar pallidu. Il-laħam huwa abjad bi ħjiel li jagħti fil-blu jew fil-vjola u tarf vjola aktar distint.

Tipikament il-basla tat-tip 'Ptujski lük' għandha togħma moderatament qawwija u riħa qawwija ta' basal.

**3.3. Materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)**

—

**3.4. Għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-animali biss)**

—

**3.5. Stadji speċifiċi tal-produzzjoni li għandhom isiru fiż-żona ġeografika identifikata**

Il-basal ikkumerċjalizzat bl-isem 'Ptujski lük' għandu jkun prodott fiż-żona ġeografika.

Iż-żerriegħa jew il-qatet tal-basal għandhom ikunu prodotti fiż-żona ġeografika jew jinxtrow mill-produtturi taż-żerriegħa li jkunu jistgħu japprovaw li huma jagħmlu selezzjoni ta' manutenzjoni tal-varjetà Ptujaska rdeċa.

**3.6. Regoli speċifiċi dwar it-tqattigh, il-ħakk, l-ippakkjar, eċċ**

Il-basla tat-tip 'Ptujski lük' tinbiegħ f'girlandi tradizzjonali (tiben tas-segala, sitta jew tnax-il basla tal-istess daqs u kulur, mingħajr l-użu ta' ħajt, wajer jew affarijiet simili), f'pakketti żgħar u bil-waħdiet.

**3.7. Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar**

Il-basal li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ispeċifikazzjoni huwa ttikkettat bl-isem 'Ptujski lük', u bil-kliem 'indikazzjoni ġeografika protetta' u s-simbolu nazzjonali tal-kwalità.

**4. Definizzjoni konċiża taż-żona ġeografika**

Iż-żona ġeografika fejn issir il-produzzjoni hija determinata storikament, u tinkludi fiha l-Ptujsko Polje. Din hija pjanura fil-limiti tal-belt ta' Ptuj, ix-xmara Drava, il-partijiet madwar l-għoljiet Slovenske Gorice u l-irħula ta' Mihovci u Velika Nedelja.

(1) Sostitwit bir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel

## 5. Rabta maż-żona ġeografika

### 5.1. Speċifità taż-żona ġeografika

Il-Ptujsko Polje jagħmel parti minn reġjun naturali tal-art ċatta fejn l-art żviluppat f'pedosekwenza ta' ramel u żrar. Il-ħamrija baxxa b'għadd kbir ta' partikoli ta' ramel u blat. Minħabba l-klima kontinentali, bix-xita fir-rebbiegħa u sjuf sħan u relattivament nixfin, din il-ħamrija ta' spiss tkun suxxettibbli għan-nixfa. Fir-rigward tal-pedoġenesi, iż-żewġ pedosekwenzi għandhom żewġ sistemi ta' ħamrija. Fuq iż-żrar u r-ramel, hemm ħamrija alluvjali fuq saff Oloċenu u ħamrija kannella fuq saff Plejstoċenu, filwaqt li fuq it-tafal u l-loam hemm pseudogleys u antrosoli kannella.

Il-ħamrija alluvjali mhijiex antika u pedoloġikament mhux żviluppata. Għandha konsistenza mrammla u fiha ftit li xejn partikoli ta' tafal. Il-ħamrija hija permeabbli u ħafifa. Ir-ramel fin jilħaq sa fond ta' 100 cm; iż-żrar rari jilħaq il-wiċċ. Fejn jgħaddi l-ilma hemm art li tinħadem li toffri kundizzjonijiet favorevoli għat-tkabbir, partikolarment fejn hija mħarsa mill-għargħar.

Il-ħamrija l-kannella hija t-tip ewlieni ta' ħamrija fil-Ptujsko Polje. Mil-lat tal-awtosuffiċjenza, din il-ħamrija strateġikament importanti għall-produzzjoni tal-ikel. Dan possibbli minħabba l-kwalità tal-ħamrija u minħabba l-art ċatta. Il-ħamrija hija ta' fond medju, għandha kontenut medju ta' humus u għandha konsistenza permeabbli u ħafifa. L-art li tinħadem tippredomina.

Il-ħamrija kannella, fonda u msejsa fuq il-loam tinsab fit-trufijiet tal-għoljiet tas-Slovenske Gorice u l-wied ta' Pesnica, u l-loam huwa l-kostitwent primarju tagħha. Din il-ħamrija hija iktar fonda, u l-konsistenza tagħha hija iktar fina u inqas permeabbli. Tinsab f'żona ta' produzzjoni intensiva tal-uċuħ tar-raba', il-ħaxix u l-ħops.

L-antrosoli jokkupaw il-wied tax-Xmara Pesnica fejn tidħol fil-Ptujsko Polje. Ħafna mill-artijiet ġew imtejba (f'termini ta' dranaġġ u l-użu tal-art). Il-kwalitajiet fiżiċi u kimiċi tal-ħamrija ġew immodifikati. Il-ħdim tal-art fil-fond għadda l-arja mill-ħamrija u għamilha permeabbli, u l-użu tal-fertilizzanti żied il-pH tagħha tant li m'għadhiex aċiduża. Il-koltivazzjoni intensiva tippredomina fuq din il-ħamrija.

Ġeografikament, id-Dravsko-Ptujsko Polje tiffirma parti mir-reġjun Sub-Pannoniku tas-Slovenja. Il-klima f'dan ir-reġjun ġeografiku tista' tiġi deskritta bħala l-iktar waħda notevolment kontinentali. Mhijiex mogħnija żżejjed bix-xita, u l-medja annwali fil-perjodu bejn l-1961 u l-2000 hija madwar 950mm. Fl-inhawwi ta' Ptuj, ix-xita tagħmel l-aktar f'Ġunju, f'Lulju u f'Awwissu (normalment iktar minn 100mm fix-xahar), u l-iktar xhur nixfin huma f'Marzu, f'April u f'Mejju (60-85mm biss fix-xahar).

Il-basal tat-tip 'Ptujski lük' għandu jinħasad manwalment. Dan jiżgura l-kwalità għolja tal-prodott. Karatteristika speċifika oħra tal-'Ptujski lük' hija li l-basal individwali jintiseġ f'għirlandi tradizzjonali li jkun filhom sitta jew tnax il-basla tal-istess daqs u kulur.

### 5.2. Speċifità tal-prodott

Il-basal tat-tip 'Ptujski lük' jingħaraf mill-fatt li jżomm għal żmien twil u mill-proprietajiet kulinarij eċċellenti tiegħu. Idub minnufih malli jissajjar, iżda xorta jżomm it-togħma karatteristika tiegħu. Karatteristiċi oħra tal-basal tat-tip 'Ptujski lük' huma l-forma tiegħu ta' qalb, il-kulur ħamrani tal-qoxra u l-laħam tiegħu u t-togħma moderatament qawwija tiegħu.

### 5.3. Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO) jew il-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħrajn tal-prodott (għall-IĠP).

Ir-rabta bejn il-basal tat-tip 'Ptujski lük' u iż-żona hija msejsa fuq ir-reputazzjoni li kiseb tul ħafna snin u l-metodu tradizzjonali tal-produzzjoni li ilu jeżisti ħafna. 'Ptujski lük' huwa l-isem komuni għal basla li ilha titkabbar fil-Ptujsko Polje għal iktar minn 200 sena. Sa minn ħafna żmien ilu, iż-żona tat-tkabbir kienet tissejjaħ "il-pajjiż tat-tkabbir tal-basal" (*lükarija*), għax il-basal (*lük*) jitkabbar hemmhekk. Anton Ingolič, li għex u ħadem fl-inhawwi, kiteb li t-tkabbir tal-basal beda f'Dornava, iċ-ċentru tal-pajjiż tat-tkabbir tal-basal, u minn hemm inxtered mal-Ptujsko Polje. Il-produtturi kollha f'Dornava, u madwar il-Ptujsko Polje, ħadu l-opportunità li jkabbru l-basal, partikolarment l-intrapriżi tal-biedja zġhar u ta' daqs medju.

Minħabba x-xejriet ta' nżul ix-xita, ir-rotazzjoni taċ-ċereali kienet il-forma ewlenija ta' biedja li żviluppat u ġiet stabbilita fil-Ptujsko Polje. It-tkabbir tal-basal huwa ideali wkoll għall-inkorporazzjoni f'din is-sistema ta' rotazzjoni. Il-basal m'għandux bżonn temperaturi għoljin biex jiżviluppa. Minħabba li l-ħamrija mrammla tinxf u tisħon malajr, iż-żerriegħa għalhekk tkun tista' tinżera' u l-qatet jitħawlu kmieni ħafna fis-sena, meta l-ġranet ikunu għadhom qosra. Matul l-istaġun tal-ġranet qosra, il-basal jiżviluppa sistema tal-għeruq b'saħħitha, li mbagħad tintefaħ meta tagħmel ix-xita. Dan jiġi segwit b'sajf sħun u niexef, li huwa meħtieġ biex tiġi żviluppata l-aroma (togħma) karatteristika, b'mod partikolari, biex il-basal jitnixxef sewwa. Għalhekk, inizjalment il-basal jitħalla jinxef fl-għelieqi, l-istadju finali tat-tnixxif isir fil-post tal-produtturi. Minħabba li l-agrikoltura, speċjalment it-tkabbir taċ-ċereali (inkluż is-segala), ġiet żviluppata sewwa fiż-żona ġeografika sa minn żminijiet antiki, it-tradizzjoni magħrufa tal-insiġ tal-basal f'għirlandi tat-tiben tas-segala (spag) inxterdet ukoll.

Huma minħabba t-temp niexef waqt li l-basal tkun qed issir u minħabba l-ħamrija baxxa mrammla u nieqsa min-nutrijenti li l-basal żviluppaw togħma iktar qawwija.

L-istadji varji fil-produzzjoni u l-metodu tal-produzzjoni tal-basal huma riflessi lokalment f'diversi Prattiki, drawwiet, proverbji, għidut u ikel tradizzjonali li evolwew u baqgħu tul iż-żminijiet, kif ukoll fil-karatteristiċi tal-arkitettura tad-djar, li kellu jkollhom b'jut bi parti tisporġi għat-tnixxif tal-basal. Dawn il-prattiki jibqgħu permezz ta' u jinżammu kemm bħala parti mill-ħajja ta' kuljum tan-nies (ikel speċjali u li għadu popolari ħafna, it-tnixxif tal-basal fil-btieħi taħt tinda u l-insiġ tal-basal f'girlandi) kif ukoll b'konnessjoni ma' avvenimenti turistiċi.

#### **Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni**

(L-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006) <sup>(1)</sup>

[http://www.mko.gov.si/fileadmin/mko.gov.si/pageuploads/podrocja/Varna\\_in\\_kakovostna\\_hrana\\_in\\_krma/zasciteni\\_kmetijski\\_pridelki/Specifikacije/PTUJSKI\\_LUK\\_01.pdf](http://www.mko.gov.si/fileadmin/mko.gov.si/pageuploads/podrocja/Varna_in_kakovostna_hrana_in_krma/zasciteni_kmetijski_pridelki/Specifikacije/PTUJSKI_LUK_01.pdf)

---

<sup>(1)</sup> Sostitwit bir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 425/2013****tas-7 ta' Mejju 2013****li japprova emendi minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni elenkata fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Pesca di Leonforte (IĠP)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agricoli u oġġetti tal-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari t-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 53(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 53(1), tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni tal-Italja għall-approvazzjoni ta' emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Pesca di Leonforte", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 622/2010 <sup>(2)</sup>.
- (2) L-għan tat-talba huwa li tinbidel l-ispeċifikazzjoni billi jitneħħa l-limitu massimu għall-kontenut tas-solidi solubbli mid-deskrizzjoni tal-prodott, u jinbidel il-metodu ta' produzzjoni billi tinbidel il-lista ta' riżomi awtorizzati u d-distanza tat-tħawwil għall-metodu ta' tkabbir tal-koni.

- (3) Il-Kummissjoni eżaminat l-emenda kkonċernata u kkonkludiet li hija ġġustifikata. Billi din hija emenda żgħira skont it-tielet sottoparagrafu tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni tista' tapprovaha mingħajr ma tirrikorri għall-proċedura mogħtija fl-Artikoli 50 sa 52 ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-ispeċifikazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Pesca di Leonforte" hija b'dan emendata skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Id-Dokument Uniku li jinkludi l-elementi ewlenin tal-Ispeċifikazzjoni jinsab fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Mejju 2013.

*Għall-Kummissjoni,*  
*F'isem il-President,*  
Dacian CIOLOȘ  
*Membri tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU L 182, 16.07.2010, p. 1.

## ANNEX I

B'dan huma approvati l-emendi li ġejjin fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott b'denominazzjoni protetta tal-oriġini "Pesca di Leonforte":

Deskrizzjoni tal-prodott: Ġie indikat b'mod esklussiv il-kontenut minimu ta' solidi li jinħallu biex ma jiġix eskluż ħawħ li għandu kontenut ta' aktar minn 13-il grad Brix. Dan it-titjib se jippermetti li d-denominazzjoni "Pesca di Leonforte" tintuża għall-frott li għandu kontenut oġġla ta' zokkor minn dak li ġie stabbilit qabel.

Metodu ta' produzzjoni: Emenda waħda hija dwar ir-riżomi awtorizzati: huma awtorizzati r-riżomi slavaġ u klonati tal-ħawħ u ibridi tal-prunus, li wrew li huma kompatibbli mal-ekotipi u li huma adattati għall-kundizzjonijiet lokali tat-temp. Dawn ir-riżomi jridu bilfors jiġu ttestjati fiż-żona ddefinita fl-ispeċifikazzjoni. Fl-istess Artikolu ġiet emendata wkoll id-distanza tat-tħawwil għall-metodi ta' tkabbir tal-koni tat-tip sempliċi jew forma ta' lembut, minħabba li din hija iktar konvenjenti għall-bdiewa u diġà qed titwettaq fxi msaġar tal-ħawħ taż-żona ġeografika ta' produzzjoni. Fl-aħħar nett, bħala riżultat tal-emenda msemmija iktar 'il fuq, il-produzzjoni massima għal kull ettaru żdiedet għal 25 tunnellata mingħajr ma nbidlet id-densità tat-tħawwil:

---

## ANNEX II

## DOKUMENT IKKONSOLIDAT UNIKU

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orijini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel <sup>(1)</sup>

## "PESCA DI LEONFORTE"

Nru tal-KE: IT-PGI-0105-01006-20.06.2012

## IĠP ( X ) DPO ( )

## 1. Denominazzjoni

Isem: "Pesca di Leonforte"

## 2. Stat Membru jew pajjiż terz

L-Italja

## 3. Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel

## 3.1. Tip ta' prodott

Klassi 1.6. Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati

## 3.2. Deskrizzjoni tal-prodott li japplika għalih l-isem fil-punt 1

Il-"Pesca di Leonforte", prodott bl-indikazzjoni ġeografika protetta huwa l-prodott tal-kultivazzjoni ta' żewġ ekotipi lokali ta' ħawħ, Bianco di Leonforte u Giallone di Leonforte, li mhumiex miktuba fil-katalgu nazzjonali tal-varjetajiet.

Mat-tqegħid fis-suq għall-konsum il-"Pesca di Leonforte" IĠP għandu jkollu l-karatteristiċi li ġejjin: dehra friska u intatta; il-frotta trid tkun soda u mingħajr tbajja' suwed minħabba tħassir b'mod li ma tibqax tajba għall-konsum. Barra minn hekk trid tkun nadifa, jgħifieri nieqsa minn kull sustanza viżibbli barranija u minn parassiti fl-istadji kollha tal-iżvilupp; ma jridx ikollha ebda riħa u/jew togħma mhux normali.

Il-valur tal-konsistenza tal-laħma, imkejjel b'penetrometru bil-ponta ta' 8 mm, għandu jkun mill-inqas 4,5 Kg/cm<sup>2</sup> għall-ekotip Giallone di Leonforte u mill-inqas 3,5 Kg/cm<sup>2</sup> għall-ekotip Bianco di Leonforte; il-kontenut tas-solidi li jinħallu ma għandux ikun inqas minn 11-il grad Brix; u l-piż tal-frott għandu jkun bejn 100 u 350 gramma. Il-frott għandu jkollu forma tonda b'naħat asimetriċi; għall-ekotip Bianco di Leonforte, il-laħma hija bajda, il-qoxra hija ta' kulur abjad bi strixxi ħomor, li mhux dejjem ikunu ovvjji; għall-ekotip Giallone di Leonforte, il-laħma trid tkun isfar, filwaqt li l-qoxra tkun ta' kulur isfar bi strixxi ħomor li wkoll mhux dejjem ikunu ovvjji; il-laħma trid tkun imwahħħla mal-għadma tal-frotta.

Il-ħawħ tal-kategoriji Extra u I biss jistgħu jiksbu r-rikonoxximent tal-IĠP "Pesca di Leonforte".

## 3.3. Materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)

—

## 3.4. Għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss)

—

## 3.5. Passi speċifiċi fil-produzzjoni li jridu jittieħdu fiż-żona ġeografika identifikata

Huwa obbligatorju li jintużaw boroż tal-karta pergama għad-difiża mekkanika kontra l-patoġeni; dawn iridu jitqiegħdu fuq il-frott malli jilħaq id-daqs ta' ġewża, iżda mhux aktar tard mix-xaħar ta' Lulju. Il-ħsad isir mill-ewwel għaxart ijiem ta' Settembru sal-ewwel għaxart ijiem ta' Novembru. Il-frott għandu jinġabar bl-idejn u ma għandux isir ġbir fis-siġħat l-aktar sħan tal-ġurnata biex ikun evitat li l-frott miġbur ikun espost b'mod dirett għax-xemx. Għandha tingħata attenzjoni partikolari waqt li l-frotta tinqata' minn mal-fergħa biex ma ssirx ħsara liz-zokk. Barra minn hekk, għandu jitneħħa l-fildiferru, li jintuża biex jintrabtu l-boroż tal-pergama, biex ma ssirx ħsara lill-frott.

## 3.6. Regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-thakkik, l-ippakkjar, eċc.

L-ippakkjar tal-IĠP "Pesca di Leonforte" għandu jseħħ fiż-żona ta' produzzjoni sabiex ikun evitat li t-trasport u l-immaniġġjar eċċessivi jikkawżaw tbajja' u brix fuq il-frott li jsarrfu fattakki ta' moffa u patoġeni varji li jikkompromettu l-karatteristiki kwalitattivi tal-prodott.

<sup>(1)</sup> Sostitwit bir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel.



Il-frott bl-Indikazzjoni Ġeografika Protetta "Pesca di Leonforte" għandu jkun kummerċjalizzat f'kontenituri jew kaxex tal-kartun jew tal-injam, jew fi qfief ta' għamliet differenti li jesgħu minn 0,5 sa 6 kg. Kull pakkett jew lott għandu jkollu frott tal-istess varjetà, kategorija, daqs u grad ta' maturazzjoni. Il-frott għandu jkun tal-istess kulur skont l-ekotip. Dan għandu jiġi ppakkjat f'saff wieħed, u kull ħawħa għandha tkun separata mill-oħra permezz ta' materjal protettiv. Il-materjal protettiv u/jew dekorattiv għandu jkun ġdid, mingħajr riħa u mhux tossiku; barra minn hekk, għandu jiġi evitat li l-prodott jiġi f'kontatt ma' kull linka tat-timbri u/jew kolla li tintuża biex jitwaxxli t-tikketti. Barra minn hekk, il-kaxex tal-ippakkjar iridu jkunu wkoll ħielsa minn kull materjal barrani.

Kull pakkett għandu jkun issiġillat, b'mod li meta jinftaħ jikkawża l-qtugħ tas-siġill ħalli ma jkunx possibbli li jinbidel il-kontenut febda ħin wara li l-frott ikun ġie ppakkjat.

### 3.7. Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar

Fuq it-tikketta, għandu jkun hemm il-logo tad-denominazzjoni u s-simbolu grafiku tal-Unjoni.

Ma tista' tiżdied l-ebda deskrizzjoni li ma tkunx espressament prevista. Madankollu, tista' ssir referenza għal marki kummerċjali sakemm dawn ma jkunux tip ta' reklamar jew li jingannaw lill-konsumatur.

Il-logo tad-denominazzjoni huwa magħmul minn forma ovali, li fiha hemm xbieha tal-Granfonte, monument simbolu tal-muniċipju ta' Leonforte, u sovrappost fuqu, ħawħa ppakkjata ġo borża. Max-xifer ta' fuq, iċċentrat fuq wiċċ it-tikketta ovali, jidher il-kliem "Pesca di Leonforte"; iċċentrat fuq ix-xifer ta' isfel tat-tikketta jidher l-ittri "I.G.P.". Il-logo huwa mdawwar minn linja ħoxna ħadra, l-isfond huwa isfar ċar, il-Granfonte huwa aħdar bħall-kliem "Pesca di Leonforte" u IĠP, il-ħawħa hija safra fl-oranġjo b'werqa ħadra; il-borża hija bajda b'dellijiet griżi u linja sewda li ddawwar il-bordura tal-borża; u qafra sewda li tirrappreżenta l-ghelug tal-borża.



## 4. Deskrizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika

Iż-żona ta' produzzjoni tal-IĠP "Pesca di Leonforte" għandha fiha l-muniċipalitajiet ta' Leonforte, Enna, Calascibetta, Assoro u Agira, fil-provinċja ta' Enna.

## 5. Rabta maż-żona ġeografika

### 5.1. Speċifità taż-żona ġeografika

Iż-żona ta' kultivazzjoni tal-IĠP "Pesca di Leonforte" tinsab fiċ-ċentru ta' Sqallija. Il-ħamrija hija ta' tip alluvjali, b'konsistenza medja; fonda ħafna, taflija u mogħnija b'sustanzi organiċi. Il-klima hija Mediterranja, ikkaratterizzata minn sjuf sħan, twal u nixfin u minn xtiewi mhux ħorox u li fihom tagħmel ħafna xita. L-istaġun tax-xita jseħħ l-aktar minn Ottubru sa Marzu. Barra minn hekk, huwa fiż-żona msemija hawn fuq li l-bdiewa ħolqu u żviluppaw id-drawwa li jippakkjaw il-frott f'boroż waqt li jkunu għadhom mal-fergħa. Din id-drawwa tiprotegħhom mill-parassiti u tiggarrantixxi li l-maturazzjoni tkompli għaddeja b'mod tajjeb qabel il-qtugħ.

### 5.2. Speċifità tal-prodott

L-ebusija, il-maturazzjoni fit-tard u d-drawwa tal-ghelug fil-boroż jiddistingwu l-"Pesca di Leonforte" IĠP mill-prodotti l-oħra tal-istess kategorija kummerċjali.

Dawn il-karatteristiki jippermettu li l-prodott "Pesca di Leonforte" jitqiegħed fis-suq meta l-prodotti l-oħra tal-istess kategorija kummerċjali jkunu spiċċaw. Fil-fatt, il-ġbir isir mill-ewwel għaxart ijiem ta' Settembru sal-ewwel għaxart ijiem ta' Novembru. Il-karatteristika partikolari tal-IĠP "Pesca di Leonforte" hija l-ghelug fil-boroż tal-frott li jkun għadu fis-siġra; prattika li ilha ssir ħafna deċennji; din id-drawwa hija metodu ta' ħarsien kontra d-dubbiena Mediterranja tal-frott (*Ceratiitis capitata*). Dan il-metodu, biż-żmien, sar wieħed mill-aktar karatteristiki rappreżentattivi ta' din il-produzzjoni u jippermetti reżistenza akbar għat-twaqqigħ tal-frott peress li dan jiġi mħares minn borża tal-karta pergamena tal-fidda li hija reżistenti għax-xita.

5.3. Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiki tal-prodott (għad-DPO), jew kwalità speċifika, ir-reputazzjoni, jew karatteristika oħra tal-prodott (għall-IĠP)

It-talba ta' rikonossiment tal-I.Ġ.P. "Pesca di Leonforte" hija ġġustifikata minħabba r-reputazzjoni u l-popolarità tal-prodott li huwa magħruf għall-karatteristiki kwalitattivi tiegħu li huma l-ebusija u l-maturazzjoni tard fl-istaġun li jippermettu li l-prodott ikun disponibbli fis-suq f'perjodi li fihom ma tantx ikun hemm ħawħ. Ix-xogħol tal-bidwi huwa essenzjali; għaliex beda jimmaniġġja l-produzzjonijiet tiegħu stess, għax fehem li f'idej għandu prodott uniku. Ta' spiss il-bidwi kellu jitlob l-għajnuna tal-membri tal-familja tiegħu, li jaħdmu lejl u nhar biex jagħlqu l-frott fil-boroż. Id-dħul mill-bejgħ tal-ħawħ huwa tali, li tejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-operaturi fiż-żona.

Minn madwar għoxrin sena ilu 'l hawn, il-koltivazzjoni tal-"Pesca di Leonforte" kellha impatt ekonomiku konsiderevoli, mhux biss fuq iż-żona ta' produzzjoni, iżda anki fuq il-muniċipji ġirien fl-okkażjoni tal-festa "Sagra" li ssir kull sena fl-ewwel Ħadd ta' Ottubru, fiċ-ċentru storiku tal-belt mibnija mill-Prinċep Nicolò Placido Branciforti fis-seklu XVII. Dan l-avveniment ta' promozzjoni u ta' valorizzazzjoni tal-prodott inħoloq fl-1982 mill-amministrazzjoni muniċipali ta' dak iż-żmien biex ikun ta' inċentiv għall-iżvilupp ta' dan it-tip ta' frott u biex il-konsumaturi tal-gżira jsiru jafu l-karatteristiki partikolari ta' dan il-prodott uniku. Mill-ħolqien tagħha, il-festa "Sagra della pesca di Leonforte" kienet avveniment ta' promozzjoni ta' dan il-frott li jimmatūra tard fl-istaġun.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni**

(L-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 <sup>(1)</sup>)

Din l-Amministrazzjoni nediet il-proċedura nazzjonali ta' oġġezzjoni bil-pubblikazzjoni tal-proposta għal emenda għar-rikonossiment tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Pesca di Leonforte" fil-"Gazzetta Ufficiale della Repubblica Italiana" nru 106 tat-8 ta' Mejju 2012. It-test sħiħ tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott emendat huwa disponibbli fuq:

<http://www.politicheagricole.it/flex/cm/pages/ServeBLOB.php/L/IT/IDPagina/3335>

---

<sup>(1)</sup> Sostitwit bir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel.

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 426/2013

tat-8 ta' Mejju 2013

li jadatta r-Regolamenti (KE) Nru 1120/2009, (KE) Nru 1121/2009 u (KE) Nru 1122/2009 rigward l-implimentazzjoni ta' regoli għal skemi ta' pagamenti diretti fil-Kroazja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat tal-Adeżjoni tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att tal-Adeżjoni tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 50 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Kroazja hija mistennija li tingħaqad mal-Unjoni fl-1 ta' Lulju 2013.
- (2) Skont it-Taqsima 4.III. tal-Anness V tal-Att tal-Adeżjoni, il-ħlas lura ta' pagamenti diretti mogħtija lil bdiewa fil-Kroazja għas-sena kalendarja 2013 għandu jkun kundizzjonali fuq l-applikazzjoni mill-Kroazja, qabel l-adeżjoni, ta' regoli identiċi għal dawk stabbiliti għal pagamenti diretti bħal dawn fir-Regolamenti rilevanti tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. Il-Kroazja ddeċidiet li tapplika skema ta' pagament uniku wara l-adeżjoni tagħha. Għalhekk, l-2013 se tkun l-ewwel sena ta' implimentazzjoni ta' dik l-iskema fil-Kroazja skont il-Kapitolu 3 tat-Titolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jstabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jstabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa <sup>(1)</sup>.
- (3) Fil-Kroazja, id-dispożizzjonijiet dwar iż-żamma fuq bejgħ ta' drittijiet għall-pagamenti għandhom ikunu l-istess bħal dawk applikati minn Stati Membri oħra wara li jkunu rreġjonalizzaw l-iskema ta' pagament uniku.
- (4) Skont l-Artikolu 57(2) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 flimkien mal-Artikolu 21 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1120/2009 tad-29 ta' Ottubru 2009 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku li hemm provvedimenti dwarha fit-Titolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 li jstabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jstabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa <sup>(2)</sup>, Stati Membri ġodda li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku jstgħu jużaw ir-riżerva nazzjonali biex jallokaw drittijiet għal pagamenti, jew iżidu l-valur ta' drittijiet għal pagamenti, meta l-bdiewa jkunu għamlu investimenti f'setturi suġġetti għall-integrazzjoni sħiħa jew parzjali ta' għajnuniet akkoppjati fl-iskema ta' pagament uniku. Il-perjodu ta' referenza għall-kunsiderazzjoni ta' investimenti bħal dawn intrabat mas-sena tal-integ-

razzjoni tas-settur rilevanti kif deċiż mill-Istat Membru. L-istess dispożizzjoni dwar l-investimenti għandha tapplika għall-Kroazja, peress li l-Kroazja implimentat għajnuniet akkoppjati f'ċerti setturi li huma suġġetti għall-integrazzjoni fl-iskema ta' pagament uniku diżakkoppjat. Għaldaqstant huwa xieraq li tiġi ffissata data ta' skadenza sa meta għandhom jitlestew l-investimenti li għandhom jitqiesu fil-Kroazja għall-finijiet tal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (KE) Nru 1120/2009.

- (5) Il-Kapitolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1120/2009 jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku fl-Istati Membri l-ġodda li jkunu applikaw l-iskema ta' pagament uniku għaż-żona. Dak il-Kapitolu għandu japplika wkoll għall-Kroazja peress li din iddeċidiet li tapplika l-iskema ta' pagament uniku mid-data tal-adeżjoni.
- (6) L-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1121/2009 tad-29 ta' Ottubru 2009 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-iskemi ta' appoġġ għal bdiewa previsti fit-Titoli IV u V tiegħu <sup>(3)</sup> jiddefinixxi r-reġjuni eliġibbli biex jirċievu l-primjum għall-mogħoż u l-Anness V jistabbilixxi l-produzzjoni medja tal-ħalib imsemmija fl-Artikolu 63 ta' dak ir-Regolament. Permezz tal-ittra tal-14 ta' Settembru 2012, il-Kroazja kkomunikat lill-Kummissjoni informazzjoni rilevanti li teħtieġ tiġi inkluża f'dawk l-Annessi.
- (7) L-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1122/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-kundizzjonalità, il-modulazzjoni u s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, skont l-iskemi ta' appoġġ għal-bdiewa previsti għal dak ir-Regolament, kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-kundizzjonalità skont l-iskema ta' appoġġ prevista għas-settur tal-inbid <sup>(4)</sup>, jiddefinixxi kif il-proporzjon ta' referenza għall-manutenzjoni ta' art ikklassifikata bħal merġha permanenti fil-livell tal-Istat Membru għandha tiġi stabbilita għall-finijiet tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009. Huwa xieraq li titqies l-adeżjoni tal-Kroazja f'dak il-kuntest.
- (8) Skont l-Artikolu 57a tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, il-Kroazja trid toħloq riżerva speċjali nazzjonali għat-tneħħija tal-mini li minnha jiġu allokat drittijiet għall-pagamenti għat-tneħħija ta' mini. Ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1122/2009 dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' drittijiet għall-pagamenti kif

<sup>(1)</sup> ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.<sup>(2)</sup> ĠU L 316, 2.12.2009, p. 1.<sup>(3)</sup> ĠU L 316, 2.12.2009, p. 27.<sup>(4)</sup> ĠU L 316, 2.12.2009, p. 65.

ukoll dawk li jikkonċernaw l-applikazzjonijiet għall-alkazzjoni tad-drittijiet għall-pagamenti għandhom ikopru wkoll drittijiet għall-pagamenti għal żoni fejn ikunu tneħħew il-mini.

- (9) Ir-Regolamenti (KE) Nru 1120/2009, (KE) Nru 1121/2009 u (KE) Nru 1122/2009 għaldaqstant għandhom jiġu emendati skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

##### Adattament tar-Regolament (KE) Nru 1120/2009

Ir-Regolament (KE) Nru 1120/2009 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 16(3), jiddied is-subparagrafu li ġej:

"Għall-Kroazja, il-perċentwali tat-tnaqqis stipulat fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw wara t-tnaqqis mill-valur tad-drittijiet għall-pagamenti ta' franchise li jkun daqs il-valur tal-unità kkalkulat skont l-Artikolu 59(1) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009."

- (2) Fl-Artikolu 21, għandu jiddied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Għall-Kroazja, il-paragrafu 1 għandu japplika *mutatis mutandis* fir-rigward ta' investimenti magħmula f'dawk is-setturi suġġett għall-integrazzjoni fl-iskema ta' pagament uniku kif applikat mill-Kroazja mill-2013. Għandhom jiġu kkunsidrati biss investimenti li tlestew qabel l-1 ta' Jannar 2013."

- (3) It-titlu tal-Kapitolu 2 tat-Titolu III jinbidel b'dan li ġej:

**"L-implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku fl-Istati Membri l-ġodda li applikaw l-iskema ta' pagament uniku għaż-żona u fil-Kroazja"**

- (4) Fl-Artikolu 28, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Għajr jekk stipulat mod ieħor f'dan il-Kapitolu, dan ir-Regolament għandu japplika għall-Istati Membri l-ġodda li applikaw l-iskema ta' pagament uniku għaż-żona u għall-Kroazja."

#### Artikolu 2

##### Adattament tar-Regolament (KE) Nru 1121/2009

Ir-Regolament (KE) Nru 1121/2009 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Anness III jinbidel b'dan li ġej:

"ANNEX III

##### ŻONI ELIĠIBBLI BIEX JIRĊIEVU L-PRIMJUM Għall-MOGĦOŻ

1. Il-Bulgarija: il-pajjiż kollu.
2. Il-Kroazja: il-pajjiż kollu.
3. Ċipru: il-pajjiż kollu.
4. Il-Portugall: il-pajjiż kollu, bl-eċċezzjoni tal-Azores.
5. Is-Slovenja: il-pajjiż kollu.
6. Is-Slovakkja: iż-żoni kollha fil-muntanji skont it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999."

- (2) Fl-Anness V, tiddaħħal ir-ringiela li ġejja wara "Franza":

"il-Kroazja 5 571"

#### Artikolu 3

##### Adattament tar-Regolament (KE) Nru 1122/2009

Ir-Regolament (KE) Nru 1122/2009 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 3, għandu jiddaħħal il-paragrafu 7a li ġej:

"7a. Għall-Kroazja, il-proporzjon ta' referenza għandu jiġi stabbilit kif ġej:

- (a) l-art ta' mergħa permanenti għandha tkun l-art ta' mergħa permanenti ddikjarata mill-bdiewa fl-2013 skont l-Artikolu 13(8) ta' dan ir-Regolament.

L-art li kienet taqa' taħt mergħa permanenti fl-2013 u li ngħatat għat-tisgħir skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 għandha tiġi skontata;

- (b) iż-żona totali agrikola għandha tkun iż-żona totali agrikola ddikjarata mill-bdiewa fl-2013."

- (2) Fl-Artikolu 7(1), il-punt (f) jinbidel b'dan li ġej:

"(f) it-tip ta' dritt, b'mod partikolari d-drittijiet speċjali stipulati fl-Artikolu 44 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, drittijiet għal pagamenti mir-riżerva speċjali nazzjonali għat-tneħħija tal-mini fil-Kroazja stipulati fl-Artikolu 57a(10) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, id-drittijiet allokati skont l-Artikolu 68(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 u drittijiet għal pagament suġġetti għal deroga kif stipulat fl-Artikolu 64(2) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009;"

(3) Fl-Artikolu 15, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-applikazzjonijiet għal allokkazzjoni jew, fejn xieraq, għal żieda ta' drittijiet għall-pagamenti skont l-iskema ta' pagament uniku għandhom jiġu ppreżentati sad-data li għandha tiġi ffissata mill-Istati Membri iżda li ma tkunx aktar tard mill-15 ta' Mejju fl-ewwel sena tal-implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku, ta' integrazzjoni tal-appoġġ akkoppjat, tal-applikazzjoni tal-Artikoli 46, 47 u 48 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, jew fis-snin tal-applikazzjoni tal-Artikoli 41, 57, 57a jew 68(1)(c) ta' dak

ir-Regolament. Madankollu, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Finlandja u l-Isvezja jistgħu jiffissaw data aktar tard li ma għandhiex tkun aktar tard mill-15 ta' Ġunju."

*Artikolu 4*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat tal-Adeżjoni tal-Kroazja u għandu jkun suġġett għalih.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Mejju 2013.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 427/2013

tat-8 ta' Mejju 2013

li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tas-selenometjonina prodott minn *Saccharomyces cerevisiae* NCYC R646 bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1750/2006, (KE) Nru 634/2007 u (KE) Nru 900/2009 fir-rigward tal-livelli massimi ta' supplimentazzjoni ma' ħmira selenizzata

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fin-nutrizzjoni tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni.
- (2) Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, tressqet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tas-selenometjonina prodott minn *Saccharomyces cerevisiae* NCYC R646. Dik l-applikazzjoni kienet akkumpanjata mill-partikolaritajiet u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.
- (3) L-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni tas-selenometjonina, kompost organiku ta' selenju, prodott minn *Saccharomyces cerevisiae* NCYC R646 bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali, li jrid jiġi kklassifikat fil-kategorija tal-addittivi "addittivi nutrizzjonali".
- (4) Fl-opinjoni tagħha tal-15 ta' Ġunju 2012, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-lkel ("l-Awtorità")<sup>(2)</sup> kkonkludiet li skont il-kundizzjonijiet ta' użu proposti, is-selenometjonina prodott minn *Saccharomyces cerevisiae* NCYC R646 ma għandux effett avvers fuq is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent u li l-użu tiegħu jista' jitqies bħala sors effettiv ta' selenju għall-ispeċijiet kollha tal-annimali. L-Awtorità ma tikkunsidrax li hemm bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ ta' wara l-kummerċjalizzazzjoni. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu tal-analiżi tal-addittiv tal-għalf fl-għalf li tressaq mil-Laboratorju ta' Referenza mwaqqaf bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.
- (5) L-evalwazzjoni tas-selenometjonina prodott minn *Saccharomyces cerevisiae* NCYC R646 turi li l-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif previsti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma sodisfatti. Għaldaq-

stant, l-użu ta' din il-preparazzjoni għandu jiġi awtorizzat kif inhu speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

- (6) L-Awtorità tenniet fl-opinjoni tagħha msemija hawn fuq ir-rakkomandazzjoni mill-opinjoni tagħha tal-15 ta' Marzu 2011<sup>(3)</sup> li tiġi llimitata s-supplimentazzjoni massima mal-ħmira selenizzata, kompost tas-selenju organiku, għal 0,2 mg Se/kg għalf komplut għal raġunijiet ta' sikurezza tal-konsumaturi. Il-ħmira selenizzata hija diġà awtorizzata mir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1750/2006<sup>(4)</sup>, (KE) Nru 634/2007<sup>(5)</sup> u (KE) Nru 900/2009<sup>(6)</sup>. Konsegwentement, dawn l-awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu emendati skont l-Anness għal dan ir-Regolament. Fil-każ li komposti inorganiċi tas-selenju jinżiedu wkoll mal-għalf, is-supplimentazzjoni mas-selenju organiku m'għandhiex teċċedi 0,2 mg għal kull kg ta' għalf komplut.
- (7) Peress li użu ulterjuri ta' ħmira selenizzata bħala addittiv fl-għalf frati ta' inkorporazzjoni ogħla minn 0,20 mg Se/kg għalf komplut jista' jikkawża riskju għas-saħħa tal-bniedem, il-materjali tal-għalf u l-għalf kompost b'livelli ogħla ta' ħmira selenizzata għandhom jitneħħew gradwalment. Għal raġunijiet prattiċi madankollu, ċertu perjodu tranżitorju għandu jkun permess għall-partijiet interessati biex iħejju lilhom infushom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ġodda.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tiffirma parti mill-kategorija ta' addittivi, "addittivi nutrizzjonali", u mill-grupp funzjonali, "komposti ta' oligoelementi", hija awtorizzata bħala addittiv fin-nutrizzjoni tal-annimali, suġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness.

## Artikolu 2

Fil-kolonna 9 fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1750/2006, it-test fir-raba' vers "3b8.10" għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf f'forma ta' pretaħlita.

<sup>(1)</sup> ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

<sup>(2)</sup> *The EFSA Journal* 2012; 10(7):2778.

<sup>(3)</sup> *The EFSA Journal* 2011; 9(4):2110

<sup>(4)</sup> ĠU L 330, 28.11.2006, p. 9.

<sup>(5)</sup> ĠU L 146, 8.6.2007, p. 14.

<sup>(6)</sup> ĠU L 256, 29.9.2009, p. 12.



2. Għas-sikurezza tal-utent: protezzjoni għan-nifs, nuċċalijiet u ingwanti tas-sikurezza għandhom jintlibsu waqt l-użu.
3. Supplimentazzjoni massima mas-selenju organiku: 0,20 mg Se/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 %."

#### Artikolu 3

Fil-kolonna 9 fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 634/2007, it-test fil-vers "3b8.11" għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

- "1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf f'forma ta' pretaħlita.
2. Għas-sikurezza tal-utent: protezzjoni għan-nifs, nuċċalijiet u ingwanti tas-sikurezza għandhom jintlibsu waqt l-użu.
3. Supplimentazzjoni massima mas-selenju organiku: 0,20 mg Se/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 %."

#### Artikolu 4

Fil-kolonna 9 fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 900/2009, it-test fil-vers "3b8.12" għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

- "1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf f'forma ta' pretaħlita.
2. Għas-sikurezza tal-utent: protezzjoni għan-nifs, nuċċalijiet u ingwanti tas-sikurezza għandhom jintlibsu waqt l-użu.
3. Supplimentazzjoni massima mas-selenju organiku: 0,20 mg Se/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 %."

#### Artikolu 5

Il-manifattura ta' għalf li fih ħmira selenizzata skont l-kontenuti massimi eżistenti fir-Regolamenti (KE) Nru 1750/2006, (KE) Nru 634/2007 u (KE) Nru 900/2009 għandhom jinġiebu konformi mal-kontenuti massimi l-ġodda mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mit-28 ta' Lulju 2013. Għalf li fih ħmira selenizzata skont l-kontenuti massimi eżistenti fir-Regolamenti (KE) Nru 1750/2006, (KE) Nru 634/2007 u (KE) Nru 900/2009 jista' tintuża sakemm jispiċċaw il-ħażniet.

#### Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Mejju 2013.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
José Manuel BARROSO

ANNEX

Numru tal-identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tnmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
						Kontenut massimu tal-element (Se) f'mg/kg ta' għalf għall-bhejtem sħiħ bi kontenut ta' umdità ta' 12 %			

**Kategorija ta' addittivi nutrittivi. Grupp funzjonali: komposti ta' mikroelementi**

3b813	—	Is-selenometjonina prodott minn <i>Saccharomyces cerevisiae</i> NCYC r646 (Ħmira selenizzata inattivata)	<p><i>Karatterizzazzjoni tal-addittiv</i></p> <p>Preparazzjoni ta' selenju organiku:</p> <p>Kontenut ta' selenju: 1 000 sa 2 650 mg Se/kg</p> <p>Selenju organiku &gt; 98 % tat-total ta' selenju</p> <p>Selenometjonina &gt; 70 % tat-total ta' selenju</p> <p><i>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva</i></p> <p>Is-selenometjonina prodotta minn <i>Saccharomyces cerevisiae</i> NCYC R646</p> <p><i>Metodu analitiku</i> <sup>(1)</sup></p> <p>Għad-determinazzjoni tas-selenometjonina fl-addittiv tal-għalf:</p> <p>Kromatografija likwida ta' prestazzjoni għolja u spettrometrija tal-emissjoni atomika bi plażma akkoppjata induttivament (HPLC-ICPMS) wara d-diġestjoni proteolitika tripla.</p> <p>Għad-determinazzjoni tas-selenju totali fl-addittiv tal-għalf:</p> <p>Spettrometrija tal-emissjoni atomika bi plażma akkoppjata induttivament (ICPMS) wara diġestjoni microwave bi-HNO<sub>3</sub>/H<sub>2</sub>O<sub>2</sub>.</p> <p>Għad-determinazzjoni tas-selenju totali f'pretaħlitiet u għalf:</p> <p>Spettrometrija tal-assorbiment atomiku bil-ġenerazzjoni tal-idruri (HGAAAS) wara d-diġestjoni microwave bi HNO<sub>3</sub>/H<sub>2</sub>O<sub>2</sub> (EN 16159: 2012)</p>	L-ispeċijiet kollha	—		0,50 (totali)	<p>1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf f'forma ta' pretaħlita.</p> <p>2. Għas-sikurezza tal-utent: protezzjoni għan-nifs, nuċċalijiet u ingwanti tas-sikurezza għandhom jintlibsu waqt l-użu.</p> <p>3. Supplementazzjoni massima mas-selenju organiku:</p> <p>0,20 mg Se/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 %."</p>	Id-29 ta' Mejju 2023
-------	---	--	---	---------------------	---	--	---------------	---	----------------------

<sup>(1)</sup> Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi jistgħu jinstabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: [http://irmm.jrc.ec.europa.eu/EURLs/EURL\\_feed\\_additives/authorisation/evaluation\\_reports/Pages/index.aspx](http://irmm.jrc.ec.europa.eu/EURLs/EURL_feed_additives/authorisation/evaluation_reports/Pages/index.aspx).



## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 428/2013

tat-8 ta' Mejju 2013

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1033/2006 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-ICAO imsemmija fl-Artikolu 3(1) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 929/2010

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru (ir-Regolament ta' interoperabilità) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1033/2006 tal-4 ta' Lulju 2006 jistipula r-rekwiżiti dwar il-proċeduri ta' pjanijiet għal titjiriet fil-fażi ta' qabel it-titjira għall-ajru uniku Ewropew <sup>(2)</sup> jirreferi għal diversi dispożizzjonijiet li japplikaw għall-preżentazzjoni, l-aċċettazzjoni u t-tqassim tal-pjanijiet tat-titjira, kif ukoll għal bidliet lil punti ewlenin fi pjan tat-titjira fil-fażi ta' qabel it-titjira, li huma stipulati mill-Organizzazzjoni għall-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (minn issa 'l quddiem ICAO). Minn żmien l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1033/2006 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 929/2010 tat-18 ta' Ottubru 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1033/2006 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-ICAO imsemmija fl-Artikolu 3(1) <sup>(3)</sup> dawk id-dispożizzjonijiet ġew emendati mill-ICAO.
- (2) Ir-referenzi fir-Regolament (KE) Nru 1033/2006 għandhom jiġu aġġornati sabiex jilhq u l-obbligi ġuridiċi internazzjonali tal-Istati Membri u jiżguraw koerenza mal-qafas regolatorju internazzjonali.
- (3) Dispożizzjonijiet finali tal-ICAO dwar il-pjantat-titjira tal-2012 ġew approvati u kellhom jiġu applikati mill-15 ta' Novembru 2012. Bħal riżultat, ir-Regolament għandu japplika mill-15 ta' Novembru 2012. Billi l-pubblikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ICAO imsemmija okkorrew biss fit-30 ta' Diċembru 2012, ma setgħux jiġu rreferenzjati fil-ħin qabel il-15 ta' Novembru 2012. Ir-regolament għandu għalhekk japplika retroattivament.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 1033/2006 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ajru Uniku,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

It-test tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1033/2006 qed jinbidel b'dan li ġej:

**"Id-dispożizzjonijiet tal-ICAO imsemmija fl-Artikolu 3(1)**

1. Kapitolu 3, Taqsima 3.3 (Pjanijiet tat-titjira) tal-ICAO Anness 2 — Regoli tal-Ajru (l-10 edizzjoni ta' Lulju 2005 li tinkludi l-emendi kollha li saru sa Nru 42).
2. Kapitolu 4, Taqsima 4.4 (Pjanijiet tat-titjira) u Kapitolu 11, Paragrafu 11.4.2.2 (Messaġġi dwar movimenti) tal-ICAO PANS-ATM Dok. 4444 (il-15-il edizzjoni tal-2007 li tinkludi l-emendi kollha li saru sa Nru 4).
3. Kapitolu 2 (Pjanijiet tat-titjira) u Kapitolu 6, Paragrafu 6.12.3 (Estimi tal-konfini) tal-Proċeduri Supplementari Reġjonali, Dok. 7030, Proċeduri Supplementari Reġjonali Ewropej (EUR) (il-5 edizzjoni tal-2008 li tinkludi l-emendi kollha sa Nru 7)."

## Artikolu 2

Ir-Regolament (UE) Nru 929/2010 huwa mħassar.

## Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan għandu japplika mill-15 ta' Novembru 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Mejju 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

<sup>(1)</sup> ĠU L 96, 31.3.2004, p. 26.<sup>(2)</sup> ĠU L 186, 7.7.2006, p. 46.<sup>(3)</sup> ĠU L 273, 19.10.2010, p. 4.

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 429/2013****tat-8 ta' Mejju 2013****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) <sup>(1)</sup>,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati <sup>(2)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom

il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Mejju 2013.

*Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali*

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

## ANNEX

## Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz <sup>(1)</sup>	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	AL	25,2
	MA	61,1
	TN	100,4
	TR	114,4
	ZZ	75,3
0707 00 05	AL	55,3
	TR	130,4
	ZZ	92,9
0709 93 10	AL	78,9
	TR	138,8
	ZZ	108,9
0805 10 20	EG	45,2
	IL	66,3
	MA	52,1
	TR	72,9
	ZZ	59,1
0805 50 10	TR	98,8
	ZA	103,5
	ZZ	101,2
0808 10 80	AR	122,9
	BR	88,9
	CL	122,2
	CN	88,0
	MK	30,3
	NZ	151,1
	US	206,7
	ZA	111,4
	ZZ	115,2

<sup>(1)</sup> In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ BiH/20/2013

tal-24 ta' April 2013

dwar il-ħatra tal-Kap tal-Element ta' Kmand tal-UE f'Napli għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bosnja-Herzegovina

(2013/216/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2004/570/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnja u Herzegovina <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha,

Billi:

- (1) Permezz ta' Skambju ta' Itri bejn is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli u s-Segretarju Ġenerali tan-NATO fit-28 ta' Settembru 2004 u fit-8 ta' Ottubru 2004 rispettivament, il-Kunsill tal-Atlantiku tat-Tramuntana qabel li jqiegħed għad-dispożizzjoni l-Kap Kmandant tal-Kwartieri Ġenerali tal-Kmand tal-Forza Konġunta, Napli bħala Kap tal-Element ta' Kmand tal-UE f'Napli.
- (2) Skont l-Artikolu 6 tal-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jeżerċita t-tmexxija politika u strateġika tal-operazzjoni militari tal-UE.
- (3) Fil-15 ta' Ġunju 2010, il-KPS adotta d-Deċiżjoni BiH/16/2010 <sup>(2)</sup> li taħtar lil-Logutenent Ġeneral Leandro DE VICENTI bħala l-Kap tal-Element ta' Kmand tal-UE f'Napli għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bosnja-Herzegovina.
- (4) Il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE rakkomanda l-ħatra tal-Kap tal-Persunal tal-Kwartieri Ġenerali tal-Kmand tal-Forza Konġunta, il-Ġeneral Leonardo DI MARCO, bħala l-Kap tal-Element ta' Kmand tal-UE f'Napli biex jissuċċiedi lil-Logutenent Ġeneral Leandro DE VICENTI.
- (5) Il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa r-rakkomandazzjoni.

(6) Skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża.

(7) il-Kunsill Ewropew ta' Kopenhagen tat-12 u t-13 ta' Diċembru 2002 adotta Dikjarazzjoni li tiddikjara li l-arranġamenti 'Berlin plus' u l-implimentazzjoni tagħhom ser japplikaw biss għal dawk l-Istati Membri tal-UE li huma wkoll jew membri tan-NATO jew partijiet fis-"Sħubija għall-Paċi", u li għaldaqstant ikkonkludew ftehim bilaterali dwar is-sigurtà man-NATO,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ġeneral Leonardo DI MARCO hu b'dan maħtur Kap tal-Element ta' Kmand tal-UE f'Napli għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bosnja-Herzegovina mit-28 ta' April 2013.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni BiH/16/2010 hija mħassra.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' April 2013.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' April 2013.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

O. SKOOG

<sup>(1)</sup> ĠU L 252, 28.7.2004, p. 10.

<sup>(2)</sup> ĠU L 155, 22.6.2010, p. 33.

## RETTIFIKA

**Rettifika għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 363/2013 tat-22 ta' April 2013 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri ristrettivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 111 tat-23 ta' April 2013)

FPaġna 2, il-punt A "Persuni" tal-Anness II, għandu jinqara kif ġej:

## "A. Persuni

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Bashar (بشار) Al-Assad (الأسد)	Data tat-twelid: 11 ta' Settembru 1965; Post tat-twelid: Damasku; Passaport diplomatiku Nru D1903	President tar-Repubblika; ordna u mexxa r-repressjoni kontra l-manifestanti.	23.5.2011
2.	Maher (ماهر) (magħruf ukoll bħala Mahir) Al-Assad (الأسد)	Data tat-twelid: 8 ta' Diċembru 1967; Passaport diplomatiku Nru 4138	Kmandant tar-raba' Diviżjoni tal-Armata, membru tal-Ba'ath Party Central Command, strongman tal-Gwardja Repubblikana; hu l-President Bashar Al-Assad; responsabbiltà prinċipali tal-vjolenza kontra d-dimostranti.	9.5.2011
3.	Ali (علي) Mamluk (مملوك) (magħruf ukoll bħala Mamlouk)	Data tat-twelid: 19 ta' Frar 1946; Post tat-twelid: Damasku; Passaport diplomatiku Nru 983	Kap tad-Direttorat Ġenerali tal-Intelligence Sirjana (ĠID); involut fil-vjolenza kontra d-dimostranti.	9.5.2011
4.	Atej (عاطف) (magħruf ukoll bħala Atef, Atif) Najib (نجيب) (magħruf ukoll bħala Najeeb)		Qabel kien il-Kap tad-Direttorat tas-Sigurtà Politika f'Dara'a; kuġin tal-President Bashar Al-Assad; involut fil-vjolenza kontra d-dimostranti.	9.5.2011
5.	Hafiz (حافظ) Makhluḥ (مخلوف) (magħruf ukoll bħala Hafez Makhlouf)	Data tat-twelid: 2 ta' April 1971; Post tat-twelid: Damasku; Passaport diplomatiku Nru 2246	Kurunell u Kap ta' Unità fid-Direttorat Ġenerali tal-Intelligence, il-Ferġha ta' Damasku; kuġin tal-President Bashar Al-Assad; qrib ta' Mahir Al-Assad; involut fil-vjolenza kontra d-dimostranti.	9.5.2011
6.	Muhammad (محمد) Dib (ديب) Zaytun (زيثون) (magħruf ukoll bħala Mohammed Dib Zeitoun)	Data tat-twelid: 20 ta' Mejju 1951; Post tat-twelid: Damasku; Passaport diplomatiku Nru D000001300	Kap tad-Direttorat tas-Sigurtà Politika; involut fil-vjolenza kontra d-dimostranti.	9.5.2011
7.	Amjad (أمجد) Al-Abbas (عباس)		Kap tas-Sigurtà Politika f'Banyas, involut fil-vjolenza kontra d-dimostranti f'Baida.	9.5.2011
8.	Rami (رامي) Makhluḥ (مخلوف)	Data tat-twelid: 10 ta' Lulju 1969; Post tat-twelid: Damasku; Passaport Nru 454224	Negozjant Sirjan; kuġin tal-President Bashar Al-Assad; jikkontrolla l-fondi ta' investiment Al Mahreq, Bena Properties, Cham Holding Syriatel, Souruh Company u jipprovi finanzjament u appoġġ lir-reġim.	9.5.2011
9.	Abd Al-Fatah (عبد الفتاح) Qudsiyah (قدسية)	Data tat-twelid: Twieled fl-1953; Post tat-twelid: Hama; Passaport diplomatiku Nru D0005788	Kap tal-Intelligence Militari Sirjana (SMI); involut fil-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili.	9.5.2011
10.	Jamil (جميل) (magħruf ukoll bħala Jameel) Hassan (حسن)		Kap tal-Intelligence tal-Forza tal-Ajru Sirjana; involut fil-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili.	9.5.2011
11.	Rustum (رستم) Ghazali (غزالي)	Data tat-twelid: 3 ta' Mejju 1953; Post tat-twelid: Dara'a; Passaport diplomatiku Nru D000000887	Kap tal-Intelligence Militari Sirjana tal-Ferġha tal-Kampanja ta' Damasku; involut fil-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili.	9.5.2011
12.	Fawwaz (فواز) Al-Assad (الأسد)	Data tat-twelid: 18 ta' Ġunju 1962; Post tat-twelid: Kerdala; Passaport Nru 88238	Involut fir-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili bħala parti mill-milizzja ta' Shabiha.	9.5.2011

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
13.	Munzir (منذر) Al-Assad (الأسد)	Data tat-twelid: 1 ta' Marzu 1961; Post tat-twelid: Lattakia; Passaporti Nru 86449 u 842781	Involut fir-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili bħala parti mill-milizzja ta' Shabiha.	9.5.2011
14.	Asif (أسيف) Shawkat (شوكت)	Data tat-twelid: 15 ta' Jannar 1950; Post tat-twelid: Al-Madehleh, Tartous	Deputat Kap tal-Persunal għas-Sigurtà u r-Reconnais- sance; involut fil-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.5.2011
15.	Hisham (هشام) Ikhtiyar (الإختيار, الإختيار, بختيار) (magħruf ukoll bħala Al Ikhtiyar, Bikhtiyar, Bikhtyar, Bekhtyar, Bikhtiar, Bekhtyar)	Data tat-twelid: 20 ta' Lulju 1941; post tat-twelid: Damasku	Kap tal-Uffiċċju tas-Sigurtà Nazzjonali Sirjana; involut fil- vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili. Hu rrapportat li miet waqt il-bombardament tat-18 ta' Lulju, 2012	23.5.2011
16.	Faruq (فأروق) (magħruf ukoll bħala Farouq, Farouk) Al Shar' (الشرع) (magħruf ukoll bħala Al Char', Al Shara', Al Shara)	Data tat-twelid: 10 ta' Diċembru 1938	Viċi President tas-Sirja; involut fil-vjolenza kontra l-popo- lazzjoni ċivili.	23.5.2011
17.	Muhammad (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohamad) Nasif (ناصر) (magħruf ukoll bħala Naseef, Nassif, Nasseef, Nasief) Khayrbik (بخير, بكخير) (magħruf ukoll bħala Khier Bek)	Data tat-twelid: 10 ta' April 1937 (jew fl-20 ta' Mejju 1937); Post tat-twelid: Hama; Passaport diplomatiku Nru 0002250 Passaport Nru 000129200	Assistent Viċi President tas-Sirja għall-Affarijiet tas-Sigurtà Nazzjonali; involut fil-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivi- li.	23.5.2011
18.	Mohamed (محمد) Hamcho (حمشو)	Data tat-twelid: 20 ta' Mejju 1966; Passaport Nru 002954347	Negozjant Sirjan u aġent lokali għal diversi kumpanniji barranin; assoċjat ta' Maher al-Assad, jiġġestixxi parti mill-interessi finanzjarji u ekonomiċi tiegħu u jipprovdi finanzjament lir-reġim.	23.5.2011
19.	Iyad (إياد) (magħruf ukoll bħala Eyad) Makhlof (مخلف)	Data tat-twelid: 21 ta' Jannar 1973; Post tat-twelid: Damasku; Passaport Nru N001820740	Hu Rami Makhlof u Uffiċjal tal-ĠID involut fil-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.5.2011
20.	Bassam (بسام) Al Hassan (الحسن) (magħruf ukoll bħala Al Hasan)		Konsulent Presidenzjali għall-Affarijiet Strateġiċi; involut fil-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.5.2011
21.	Dawud Rajiha		Kap tal-Persunal tal-Forzi Armati responsabbli għall- involvement militari fil-vjolenza kontra d-dimostranti paċifiċi. Miet waqt il-bombardament tat-18 ta' Lulju 2012.	23.5.2011
22.	Ihab (إيهاب) (magħruf ukoll bħala Ehab, Iehab) Makhlof (مخلف)	Data tat-twelid: 21 ta' Jannar 1973; Post tat-twelid: Damasku; Passaport Nru N002848852	President ta' Syriatel, li jħallas 50 % tal-profitti tiegħu lill- gvern Sirjan permezz tal-kuntratt ta' liċenzja tiegħu.	23.5.2011
23.	Zoulhima (ذو الهمة) (magħruf ukoll bħala Zu al-Himma) Chaliche (شاليش) (magħruf ukoll bħala, Shalish, Shaleesh) (magħruf ukoll bħala Dhu al-Himma Shalish)	Data tat-twelid: 1951 jew 1946 jew 1956; Post tat-twelid: Kerdaha	Kap tal-protezzjoni presidenzjali; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti; prim kuġin tal-President Bachar Al-Assad.	23.6.2011
24.	Riyad (رياض) Chaliche (شاليش) (magħruf ukoll bħala Shalish, Shaleesh) (magħruf ukoll bħala Riyad Shalish)		Direttur tal-Military Housing Establishment; sors ta' finan- zjament għar-reġim; prim kuġin tal-President Bachar Al- Assad.	23.6.2011

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
25.	Kmandant Brigadier Mohammad (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammed) Ali (علي) Jafari (جعفري) (magħruf ukoll bħala Jaafari, Ja'fari, Aziz; magħruf ukoll bħala Jafari, Ali; magħruf ukoll bħala Jafari, Mohammad Ali; magħruf ukoll bħala Ja'fari, Mohammad Ali; magħruf ukoll bħala Jafari-Naja-fabadi, Mohammad Ali)	Data tat-twelid: 1 ta' Settembru 1957; Post tat-twelid: Yazd, Iran	Kmandant Ġenerali tar-Revolutionary Guard Corps Iranjan involut fil-forniment tat-tagħmir u l-appoġġ biex jgħin lir-reġim tas-Sirja jrażżan il-protesti fis-Sirja.	23.6.2011
26.	Ġeneral Maġġur Qasem (قاسم) Soleimani (سليمانى) (magħruf ukoll bħala Qasim Soleimany)		Kmandant tal-Revolutionary Guard Corps Iranjan - IRGC Qods involut fil-forniment tat-tagħmir u l-appoġġ biex jgħin lir-reġim tas-Sirja jrażżan il-protesti fis-Sirja.	23.6.2011
27.	Hossein Taeb (magħruf ukoll bħala Taeb, Hassan; magħruf ukoll bħala Taeb, Hosein; magħruf ukoll bħala Taeb, Hossein; magħruf ukoll bħala Taeb, Hussayn; magħruf ukoll bħala Hojjatoleslam Hossein Ta'eb)	Twieled fl-1963; Post tat-twelid: Teheran, Iran	Viċi Kmandant għall-Intelligence tal-Revolutionary Guard Corps Iranjan involut fil-forniment tat-tagħmir u l-appoġġ biex jgħin lir-reġim tas-Sirja jrażżan il-protesti fis-Sirja.	23.6.2011
28.	Khalid (خالد) (magħruf ukoll bħala Khaled) Qaddur (قدور) (magħruf ukoll bħala Qadour, Qaddour)		Soċju kummerċjali ta' Maher Al-Assad; jipprovdi finanzjament għar-reġim.	23.6.2011
29.	Ra'if (رئيف) Al-Quwatly (القواتلي) (magħruf ukoll bħala Ri'af Al-Quwatli magħruf ukoll bħala Raef Al-Kouatly)		Assoċjat fin-negozju ma' Maher Al-Assad u responsabbli għall-ġestjoni ta' xi wħud mill-interessi tan-negozju tiegħu; Sors ta' finanzjament għar-reġim.	23.6.2011
30.	Mohammad (محمد) (magħruf ukoll bħala Muhammad, Mohamed, Mohammed) Mufleh (مفلح) (magħruf ukoll bħala Muflih)		Kap tal-Intelligence Militari Sirjana tal-belt ta' Hama, involut fir-repressjoni kontra l-manifestanti.	1.8.2011
31.	Ġeneral Maġġur Tawfiq (توفيق) (magħruf ukoll bħala Tawfik) Younes (يونس) (magħruf ukoll bħala Yunes)		Kap tad-Dipartiment għas-Sigurtà Interna tad-Direttorat tal-Intelligence Ġenerali; involut fil-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili.	1.8.2011
32.	Is-Sur Mohammed (محمد) Makhloof (مخلوف) (magħruf ukoll bħala Abu Rami)	Data tat-twelid: 19.10.1932; Post tat-twelid: Latakia, Sirja	Assoċjat mill-qrib u z-ziju matern ta' Bashar u Mahir al-Assad. Soċju fin-negozju u missier Rami, Ihab u Iyad Makhloof.	1.8.2011
33.	Ayman (أيمن) Jabir (جابر) (magħruf ukoll bħala Jaber)	Post tat-twelid: Latakia	Soċju ta' Mahir al-Assad għall-milizzja ta' Shabiha. Involut direttament fir-repressjoni u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili u l-koordinazzjoni tal-grupp tal-milizzja ta' Shabiha	1.8.2011
34.	Hayel (هايل) Al-Assad (الأسد)		Assistent ta' Maher Al-Assad, Kap tal-unità tal-pulizija militari tar-raba' diviżjoni tal-armata, involuta fir-repressjoni.	23.8.2011



	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
35.	Ali (علي) Al-Salim (السليم) (magħruf ukoll bħala Al-Saleem)		Direttur tal-uffiċċju tal-provvisti tal-Ministeru Sirjan tad-Difiża, punt ta' dħul għall-armi kollha li jaslul għall-armata Sirjana.	23.8.2011
36.	Nizar Al-Assad (نزار الأسد)	Il-kuġin ta' Bashar Al-Assad; preċedentement kap tal-kumpannija 'Nizar Oilfield Supplies'	Qrib ħafna ta' uffiċjali ewlenin tal-Gvern. Jiffinanzja lil Shabiha fir-reġjun ta' Latakia.	23.8.2011
37.	Brigadier Ġeneral Rafiq (رفيق) (magħruf ukoll bħala Rafeeq) Shahadah (شهادة) (magħruf ukoll bħala Shahada, Shahade, Shahadeh, Chahada, Chahade, Chahadeh, Chahada)		Kap tal-Intelligence Militari Sirjana (SMI) Fergħa 293 (Affarijiet Interni) f'Damasku. Involut direttament fir-repressjoni u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili f'Damasku. Konsulent għall-President Bashar Al-Assad għal kwistjonijiet strateġiċi u ta' intelligence militari.	23.8.2011
38.	Brigadier Ġeneral Jamea (جامع) (magħruf ukoll bħala Jami Jami, Jame', Jami')		Kap ta' Fergħa għall-Intelligence Militari Sirjana (SMI) f'Dayr az-Zor. Involut direttament fir-repressjoni u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili f' Dayr az-Zor u Alboukamal.	23.8.2011
39.	Hassan Bin-Ali Al-Turkmani	Twieled fl-1935; Post tat-twelid: Aleppo	Deputat Viċi Ministru, eks Ministru tad-Difiża, Mibgħut Speċjali tal-President Bashar Al-Assad. Hu rrapportat li miet waqt il-bombardament tat-18 ta' Lulju, 2012.	23.8.2011
40.	Muhammad (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohammad, Muhammad, Mohammed) Said (سعيد) (magħruf ukoll bħala Sa'id, Sa'eed, Saeed) Bukhaytan (بخيتان)		Assistent Segretarju Reġjonali tal-Partit Soċjalista Għarbi ta' Ba'ath sa mill-2005. Minn 2000-2005 Direttur għas-sigurtà nazzjonali tal-partit reġjonali ta' Ba'ath. Eks Gvernatur ta' Hama (1998-2000). Soċju mill-qrib tal-President Bashar Al-Assad u Maher Al-Assad. Kien jieħu deċiżjonijiet fir-reġim dwar ir-repressjoni tal-popolazzjoni ċivili.	23.8.2011
41.	Ali (علي) Douba (دوبا)		Responsabbli għall-qtil f'Hama fl-1980, ġie msejjaħ lura f'Damasku bħala konsulent speċjali għall-President Bashar Al-Assad.	23.8.2011
42.	Brigadier Ġeneral Nawful (نوفل) (magħruf ukoll bħala Nawfal, Nofal) Al-Husayn (الحسين) (magħruf ukoll bħala Al-Hussain, Al-Hussein)		Kap tal-Fergħa tal-Intelligence Militari Sirjana (SMI) ta' Idlib. Involut direttament fir-repressjoni u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fil-provinċja ta' Idlib.	23.8.2011
43.	Brigadier Husam (حسام) Sukkar (سكرك)		Konsulent Presidenzjali dwar Affarijiet ta' Sigurtà. Konsulent Presidenzjali għar-repressjoni u l-vjolenza tal-aġenziji ta' sigurtà kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.8.2011
44.	Brigadier Ġeneral Muhammed (محمد) Zamrini (زمريني)		Kap ta' Fergħa għall-Intelligence Militari Sirjana (SMI) f'Homs. Involut direttament fir-repressjoni u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili f'Homs.	23.8.2011
45.	Logutenent Ġeneral Munir (منير) (magħruf ukoll bħala Mounir, Mouneer, Monir, Moneer, Muneer) Adanov (ادنوف) (magħruf ukoll bħala Adnuf, Adanof)	Twieled fl-1951	Viċi Kap tal-Persunal Ġenerali, Operazzjonijiet u Taħriġ għall-Armata Sirjana. Involut direttament fir-repressjoni u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	23.8.2011



	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
46.	Brigadier Ġeneral Ghassan (غسان) Khalil (خليل) (magħruf ukoll bħala Khaleel)		Kap tal-Ferġha tal-Infommazzjoni tad-Direttorat tal-Intelligence Ġenerali (ĠID). Involut direttament fir-repressjoni u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	23.8.2011
47.	Mohammed (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohammad, Muhammad, Mohamed) Jabir (جابر) (magħruf ukoll bħala Jaber)	Post tat-twelid: Lattakia;	Il-milizzja ta' Shabiha. Soċju ta' Maher Al-Assad għall-milizzja ta' Shabiha. Involut direttament fir-repressjoni u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili u fil-koordinazzjoni tal-gruppi tal-milizzja ta' Shabiha.	23.8.2011
48.	Samir (سمير) Hassan (حسن)		Soċju kummerċjali mill-qrib ta' Maher Al-Assad. Magħruf għall-appoġġ ekonomiku tar-reġim Sirjan.	23.8.2011
49.	Fares (فارس) Chehabi (شهابي) (magħruf ukoll bħala Fares Shihabi; Fares Chihabi)	Iben Ahmad Chehabi; Data tat-twelid: 7 ta' Mejju 1972	President tal-Kamra tal-Kummerċ u tal-industrija ta' Aleppo. Viċi President ta' Cham Holding. Jipprovdni appoġġ ekonomiku lir-reġim Sirjan.	2.9.2011
50.	Tarif (طريف) Akhras (الأخرس) (magħruf ukoll bħala Al Akhras)	Data tat-twelid: 2 ta' Ġunju 1951; Post tat-twelid: Homs, Sirja; Passaport Sirjan Nru 0000092405	Negozjant prominenti li jibbenefika minn u jappoġġa lir-reġim. Fundatur tal-Akhras Group (prodotti, kummerċ, ipproċessar u loġistika) u ex President għall-Kamra tal-Kummerċ ta' Homs. Relazzjonijiet ta' negozju mill-qrib mal-familja tal-President Al-Assad. Membru tal-Bord tal-Federazzjoni tal-Kamra tal-Kummerċ Sirjana. Ipprovdna bini industrijali u residenzjali għal kampijiet ta' detenzjoni improvviżati, kif ukoll appoġġ loġistiku għar-reġim (xarabanks u tankijiet tat-tagħbija)	2.9.2011
51.	Issam (عصام) Anboubaa (أنبوسا)	President ta' Anboubaa għal Agricultural Industries Co. Twieled fl-1952; Post tat-twelid: Homs, Sirja	Jipprovdni appoġġ finanzjarju għall-apparat ripressiv u għall-gruppi paramilitari li jużaw il-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja. Jipprovdni proprjetà (binjiet, imħażen) għal ċentri ta' detenzjoni improvviżati. Għandu relazzjonijiet finanzjarji ma' uffiċjali għoljin Sirjani.	2.9.2011
52.	Mazen (مازن) al-Tabbaa (الطباع)	Data tat-twelid: 01.01.1958; Post tat-twelid: Damasku; Passaport Sirjan Nru 004415063 li jiskadi fis-06.05.2015	Soċju kummerċjali ta' Ihab Makhloof u Nizar al-Assad (sar soġġett għal sanzjonijiet fit-23.08.2011); ko-proprjetarju, flimkien ma' Rami Makhloof, tal-kumpanija tal-kambju monetarju Al-Diyar lil-Saraafa (magħrufa wkoll bħala Diar Electronic Services), li tappoġġa l-politika tal-Bank Ċentrali tas-Sirja.	23.3.2012
53.	Adib (أديب) Mayaleh (ميالة)	Data tat-twelid: Twieled fl-1955; Post tat-twelid: Daraa	Adib Mayaleh huwa responsabbli għall-għoti ta' appoġġ ekonomiku u finanzjarju lir-reġim Sirjan permezz tal-funzjoni tiegħu bħala Gvernatur tal-Bank Ċentrali tas-Sirja.	15.5.2012
54.	Ġeneral Maġġur Jumaa (جمعة) Al-Ahmad (أحمد) (magħruf ukoll bħala Al-Ahmed)		Kmandant tal-Forzi Speċjali. Responsabbli għall-użu ta' vjolenza kontra dimostranti madwar is-Sirja.	14.11.2011
55.	Colonel Lu'ai (لؤي) (magħruf ukoll bħala Louay) al-Ali (العلي)		Kap tal-Intelligence Militari Sirjana, Ferġha ta' Dara'a. Responsabbli għall-vjolenza kontra d-dimostranti f'Dara'a.	14.11.2011
56.	Lt. General Ali (علي) Abdullah (عبدالله) (magħruf ukoll bħala Abdallah) Ayyub (أيوب)		Kap Deputat tal-Persunal Ġenerali (Persunal u Manodopera). Responsabbli għall-użu ta' vjolenza kontra dimostranti madwar is-Sirja.	14.11.2011
57.	Lt. General Jasim (جاسم) (magħruf ukoll bħala Jasem, Jassim, Jassem) al-Furayj (الفريج) (magħruf ukoll bħala Al-Frej)		Kap tal-Persunal Ġenerali. Responsabbli għall-użu ta' vjolenza kontra dimostranti madwar is-Sirja.	14.11.2011

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
58.	General Aous (أوس) (Aws) Aslan (أسلان)	Twieled fl-1958	Kap ta' Battaljun fi ħdan il-Gwardja Repubblikana. Persuna viċin Maher al-Assad u tal-President al-Assad. Involut fir-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili madwar is-Sirja.	14.11.2011
59.	General Ghassan (غسان) Belal (بلال)		Ġeneral Kmandant tal-uffiċċju riżervat tar-Raba' Diviżjoni. Konsulent ta' Maher al-Assad u koordinatur tal-operazzjonijiet ta' sigurtà. Responsabbli għar-repressjoni tal-popolazzjoni ċivili madwar is-Sirja.	14.11.2011
60.	Abdullah (عبدالله) (magħruf ukoll bħala Abdallah) Berri (بري)		Kap tal-milizzji tal-familja Berri. Responsabbli għall-milizzji progovernattivi involuti fir-repressjoni tal-popolazzjoni ċivili f'Aleppo.	14.11.2011
61.	George (جورج) Chaoui (شواوي)		Membru tal-Armata elettronika Sirjana. Ipparteċipa fir-repressjoni vjolenti u inkoraġġixxa l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili madwar it-territorju Sirjan.	14.11.2011
62.	Ġeneral Maġġur Zuhair (زهير) (magħruf ukoll bħala Zouheir, Zuheir, Zouhair) Hamad (حمد)		Viċi Kap tad-Direttorat Ġenerali tal-Intelligence. Responsabbli għall-użu ta' vjolenza madwar is-Sirja u mill-intimidazzjoni u t-tortura ta' dimostrandti.	14.11.2011
63.	Amar (عمار) (magħruf ukoll bħala Ammar) Ismael (إسماعيل) (magħruf ukoll bħala Ismail)	Twieled madwar it-3 ta' April 1973; post tat-twelid: Damasku	Kap Ċivili tal-Armata elettronika Sirjana (servizz ta' informazzjoni intelligence tal-forza tal-art). Ipparteċipa fir-repressjoni vjolenti u inkoraġġixxa l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili madwar it-territorju Sirjan.	14.11.2011
64.	Mujahed (مجاهد) Ismail (إسماعيل) (magħruf ukoll bħala Ismael)		Membru tal-Armata elettronika Sirjana. Ipparteċipa fir-repressjoni vjolenti u inkoraġġixxa l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili madwar it-territorju Sirjan.	14.11.2011
65.	Ġeneral Maġġur Nazih (نزيه)		Viċi Direttur tad-Direttorat Ġenerali tal-Intelligence. Responsabbli għall-użu ta' vjolenza madwar is-Sirja u mill-intimidazzjoni u t-tortura ta' dimostrandti.	14.11.2011
66.	Kifah (كفاح) Moulhem (ملحم) (magħruf ukoll bħala Moulhim, Mulhem, Mulhim)		Kmandant ta' battaljun fi ħdan ir-raba' diviżjoni. Responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili f'Deir el-Zor.	14.11.2011
67.	Ġeneral Maġġur Wajih (وجيه) (magħruf ukoll bħala Wajeeh) Mahmud (محمود)		Kmandant tat-18-il Diviżjoni Armata. Responsabbli għall-vjolenza kontra d-dimostrandti f'Homs.	14.11.2011
68.	Bassam (بسام) Sabbagh (الصباغ) (magħruf ukoll bħala Al Sabbagh)	Data tat-twelid: 24 ta' Awwissu 1959; Post tat-twelid: Damasku. Indirizz: Kasaa, Anwar al Attar Street, al Midani building, Damasku. Passaport Sirjan Nru 004326765 maħruġ fit-2 ta' Novembru 2008, validu sa Novembru 2014.	Kunsillier legali u finanzjarju u jiġġestixxi l-affarijiet ta' Rami Makhlof u ta' Khaldoun Makhlof. Involut ma' Bashar al-Assad fil-finanzjament ta' proġett ta' bini f'La-takia. Jipprovi appoġġ finanzjarju lir-reġim.	14.11.2011
69.	Logutenent Ġeneral Talal (طلال) Mustafa (مصطفى) Tlass (تلاس)		Kap Viċi Kap tal-Persunal Ġenerali (Loġistika u Provvisiti). Responsabbli għall-użu ta' vjolenza kontra dimostrandti madwar is-Sirja.	14.11.2011
70.	Ġeneral Maġġur Fu'ad (فؤاد) Tawil (طويل)		Viċi Kap tal-Intelligence tal-Forza tal-Ajru Sirjana. Responsabbli għall-użu ta' vjolenza madwar is-Sirja u mill-intimidazzjoni u t-tortura ta' dimostrandti.	14.11.2011

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
71.	Bushra (بشري) Al-Assad (الأسد) (magħrufa wkoll bħala Bushra Shawkat)	Data tat-twelid: 24.10.1960	Oħt Bashar Al-Assad, u mart Asif Shawkat, Deputat Kap tal-Persunal għas-Sigurtà u t-Tkixxif. Minħabba r-relazzjoni personali mill-qrib u r-relazzjoni finanzjarja intrinsika mal-President Sirjan Bashar Al-Assad u persuni oħra fil-qalba tar-reġim Sirjan, hija tibbenefika mir-reġim Sirjan u hija assoċjata miegħu.	23.3.2012
72.	Asma (أسماء) Al-Assad (الأسد) (magħrufa wkoll bħala Asma Fawaz Al Akhras)	Data tat-twelid: 11.08.1975; Post tat-twelid: Nru tal-passaport: 707512830, jiskadi fit-22.09.2020; Kunjom tax-xbubija: Al Akhras	Mart Bashar Al-Assad. Minħabba r-relazzjoni personali mill-qrib u r-relazzjoni finanzjarja intrinsika mal-President Sirjan, Bashar Al Assad, hija tibbenefika mir-reġim Sirjan u hija assoċjata miegħu.	23.3.2012
73.	Manal (منال) Al-Assad (الأسد) (magħrufa wkoll bħala Manal Al Ahmad)	Data tat-twelid: 02.02.1970; Post tat-twelid: Damasku; Passaport Sirjan Nru: 0000000914; Kunjom tax-xbubija: Al Jadaan	Konjuġi ta' Maher Al-Assad, u b'hekk tibbenefika minn, u assoċjata mill-qrib mar-reġim.	23.3.2012
74.	Anisa (أنيسة) (magħrufa wkoll bħala Anissa, Aneesa, Aneessa) Al-Assad (الأسد) (magħrufa wkoll bħala Anisah Al-Assad)	Data tat-twelid: Twieldet fl-1934; Kunjom tax-xbubija: Makhloof	Omm il-President Al-Assad. Minħabba r-relazzjoni personali mill-qrib u r-relazzjoni finanzjarja intrinsika mal-President Sirjan, Bashar Al Assad, hija tibbenefika mir-reġim Sirjan u hija assoċjata miegħu.	23.3.2012
75.	Logutenent General Fahid (فهد) (magħruf ukoll bħala Fahd) Al-Jassim (الجامم)		Kap tal-Persunal. Uffiċjal militari involut fil-vjolenza f'Homs.	1.12.2011
76.	General Maġġur Ibrahim (إبراهيم) Al-Hassan (الحسن) (magħruf ukoll bħala Al-Hasan)		Viċi Kap tal-Persunal. Uffiċjal militari involut fil-vjolenza f'Homs.	1.12.2011
77.	Brigadier Khalil (خليل) (magħruf ukoll bħala Khaleel) Zghraybih (زغريية زغرييه) (magħruf ukoll bħala Zghraybeh, Zghraybe, Zghrayba, Zghraybah, Zaghaybeh, Zaghaybe, Zaghayba, Zaghaybah, Zeghraybeh, Zeghraybe, Zeghrayba, Zeghraybah, Zughraybeh, Zughraybe, Zughrayba, Zughraybah, Zighraybeh, Zighraybe, Zighrayba, Zighraybah)		L-14-il Diviżjoni. Uffiċjal militari involut fil-vjolenza f'Homs.	1.12.2011
78.	Brigadier Ali (علي) Barakat (بركات)		Il-103 Brigata tad-Diviżjoni tal-Gwardja Repubblikana. Uffiċjal militari involut fil-vjolenza f'Homs.	1.12.2011
79.	Brigadier Talal (طلال) Makhlof (مخروف) (magħruf ukoll bħala Makhloof)		Il-103 Brigata tad-Diviżjoni tal-Gwardja Repubblikana. Uffiċjal militari involut fil-vjolenza f'Homs.	1.12.2011
80.	Brigadier Nazih (نزيه) (magħruf ukoll bħala Nazeeh) Hassun (حسون) (magħruf ukoll bħala Hassoun)		Intelligence tal-Forza tal-Ajru Sirjana. Uffiċjal militari involut fil-vjolenza f'Homs.	1.12.2011

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
81.	Kaptan Maan (معن) (magħruf ukoll bħala Ma'an ) Jdiid (جديد) (magħruf ukoll bħala Jdid, Jedid, Jedeed, Jadeed, Jdeed)		Gwardja Presidenzjali. Uffiċjal militari involut fil-vjolenza f'Homs.	1.12.2011
82.	Mohammad (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammed) Al-Shaar (الشعار) (magħruf ukoll bħala Al-Chaar, Al-Sha'ar, Al-Cha'ar)		Diviżjoni tas-Sigurtà Politika. Uffiċjal militari involut fil-vjolenza f'Homs.	1.12.2011
83.	Khald (خالد) (magħruf ukoll bħala Khaled) Al- Taweel (الطويل) (magħruf ukoll bħala Al- Tawil)		Diviżjoni tas-Sigurtà Politika. Uffiċjal militari involut fil-vjolenza f'Homs.	1.12.2011
84.	Ghiath (غيث) Fayad (فياض) (magħruf ukoll bħala Fayyad)		Diviżjoni tas-Sigurtà Politika. Uffiċjal militari involut fil-vjolenza f'Homs.	1.12.2011
